# Il-Ħadd 23.08.2015

1. Naturalment din il-ġimgħa għandna diversi ċelebrazzjonijiet marbuta mal-festa ta' San Pawl. Araw il-programm dettaljat fuq il-Fuljett speċjali li tqassam lilkom matul il-ġimgħa li għaddiet, li qiegħed ukoll fuq il-website: http://parroccasafi.wordpress.com/. Niftakru li l-ewwel u qabel kollox il-festa hi nisranija u għalhekk ma nittraskurawx il-funzjonijiet tal-knisja, speċjalment il-qrar u l-quddies, u nitlob biex fl-imġieba tagħna, kull fejn inkunu, nuru rispett xieraq lil xulxin.

2. Inħeġġeġ b'mod partikulari biex nattendu ċ-ċelebrazzjoni speċjali li ser nagħmlu nhar it-Tlieta 25/08 fejn mis-7:00pm sat-8:15pm ser ikollna magħna lill-*Atelier del Restauro* li ser jinfurmawna aktar bil-proċess ta' restawr li wettqu, u fl-aħħar inbierku u ninċensaw l-istatwa biex nagħrfu l-valur sagru tagħha. Il-Kor *Sine Macula* flimkien ma' orkestra ser janimaw l-aspett mużikali, b'uħud mill-innijiet ser ikunu qed jiżżanżnu dak in-nhar. Mhux ta' min jitlef din iċ-ċelebrazzjoni.

3. Avviżi oħra:
   - Inħeġġiġkom biex matul il-jiem tal-festa, mhux biss nagħtu bukketti ta' fjuri friski, imma nagħmlu wkoll il-***bukkett li ma jinxifx***, jiġifieri li tagħtu offerta li tibqa' titgawda wkoll: din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx ser imur b'risq ir-restawr ta' San Pawl. Fuq noticeboard apposta diġa hemm l-ewwel offerti. Inħalli f'idejn il-ġenerożità tagħkom.
   - Nitlob lill-koppji li qed jiċċelebraw l-10 / 20 / 25 / 30 / 40 / 50 Anniversarju taż-Żwieġ tagħhom, kif ukoll lil dawk li żżewwġu minn wara l-festa tas-sena l-oħra 'l hawn biex jiġu jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali, minħabba l-quddiesa speċjali li ser ikollna għalihom nhar il-Ġimgħa 28/08, fl-Aħħar Jum tat-Tridu.

4. Is-Sibt 29/08:
   - Fis-6:30pm ser issir quddiesa fil-Knisja ta' San Duminku, ir-Rabat, immexxija minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna u li fiha ser jogħġbu jilqa' t-talba biex jinfetħu 2 kawżi għall-Beatifikazzjoni u għall-Kanonizzazzjoni ta' Henry Casolani u Ineż Casolani. Kulħadd mistieden. Għaldaqstant man-*noticeboards* taz-zuntier hemm imwaħħal tagħrif fil-qosor dwar il-ħajja ta' dawn ħutna. Kull min għandu xi tagħrif jew materjal għandu jgħaddih lill-Kanċellerija tat-Tribunal tal-Arċidjoċesi ta' Malta fil-Belt Valletta.

5. Il-Ħamis 10/09:
   - Ser ikollna Ħarġa għal Għawdex. Biljetti u dettalji m'għand il-helpers minn wara l-festa.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 270 bħala offerta għall-Papa, b'risq il-karitajiet tiegħu;
   - € 230 bħala ġabra b'risq il-Festa ta' San Pawl;
   - € 1,014 bħala donazzjonijiet b'risq l-Arbural tal-Festa;
   - € 203 bħala ġabra li saret fuq iz-zuntier nhar it-Tlieta 20/08 b'risq ir-restawr tal-istatwa ta' San Pawl, li issa bdejna ngawduha.
   - € 810 bħala donazzjonijiet bl-istess għan. Grazzi mill-qalb.

# PROGRAMM TAL-FESTA F'ĠIEĦ SAN PAWL 2015

1. **It-Tnejn 24/08 - JUM IL-ĦRUĠ TAL-VARA - JUM IT-TFAL**

Fis-6:30pm Quddiesa mill-Kappillan, Dun David Farrugia, fil-knisja bis-sehem tat-tfal kollha tal-parroċċa organizzata mill-Kummissjoni Kateketika.

Fis-7:30pm Ħruġ fuq iz-zuntier tal-istatwa ta' San Pawl u tislima bl-Innu Popolari. Nappellaw biex inġibu lit-tfal għal din iċ-ċelebrazzjoni apposta għalihom.

2. **It-Tlieta 25/08 - JUM L-INAWGURAZZJONI U T-TBERIK TAR-RESTAWR TAL-ISTATWA U L-PEDESTALL**

Fis-6:00pm Quddiesa

Fis-7:00pm Ċelebrazzjoni tal-Inawgurazzjoni tar-Restawr tal-Istatwa u l-Pedestall ta' San Pawl bis-sehem tal-'Atelier del Restauro' u l-Kor 'Sine Macula'. Lejn it-tmiem, jiġi inawgurat u mbierek ir-restawr tal-Istatwa u l-Pedestall.

Fit-8:30pm Fiera u BBQ fil-pjazza b'risq il-Festa.

3. **L-Erbgħa 26/08 - L-EWWEL JUM TAT-TRIDU - JUM IL-VOKAZZJONIJIET**

Fid-9:15am Quddiesa mill-Kappillan, Dun David Farrugia, għall-Anzjani fis-Sala tal-Komunità fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi.

Fis-6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem tas-Sorijiet u Reliġjużi mill-parroċċa, u l-Abbatini. Imexxi u jagħmel l-omeliji tal-jiem tat-Tridu, il-Kan. Lawrenz Zammit, Kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, Valletta.
Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

4. **Il-Ħamis 27/08 - IT-TIENI JUM TAT-TRIDU - JUM L-GĦAQDIET**

***Nitolbu lill-Mulej biex żgħażagħ fostna iwieġbu għall-ħajja saċerdotali u reliġjuża.***

Fil-5:00pm Qrar: Preżenti wkoll Konfessur barrani.

Fis-6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, flimkien mal-għaqdiet reliġjużi. Imexxi l-Kan. Lawrenz Zammit, Kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, Valletta.
Wara l-quddiesa kollox bħall-jum ta' qabel: il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

5. **Il-Ġimgħa 28/08 - IT-TIELET JUM TAT-TRIDU - JUM IL-FAMILJA**

Fit-8:30am Tqarbin tal-Morda.

Fil-5:00pm Qrar: Preżenti wkoll Konfessur barrani.

Fis-6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk il-koppji li qed jiċċelebraw l-10/20/25/30/40/50 Anniversarju taż-Żwieġ tagħhom, u dawk li żżewwġu wara l-festa tas-sena l-oħra biex iġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom. Imexxi l-Kan. Lawrenz Zammit, Kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, Valletta.
Wara l-quddiesa kollox bħall-jiem ta' qabel: il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

6. **<u>Is-Sibt 29/08 - LEJLIET IL-FESTA</u>**

| | |
|---|---|
| Fit-8:00am | Quddiesa mill-Kappillan Dun David Farrugia<br>li fiha jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-Te Deum. |
| Fil-5:00pm | Qrar. |
| Fis-6:15pm | Translazzjoni tar-Relikwija ta' San Pawl mill-Knisja ta' Santa Marija għall-Knisja Parrokkjali fejn isir il-Kant ta' l-Innu tal-Appostli u tal-Antifona ta' San Pawl. Wara jsir il-kant tal-Għasar Solenni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi l-Kan. Louis Suban, Kanonku Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' San Pawl, Rabat. |
| Fis-7:30pm | Quddiesa Solenni ppreseduta mill-Arċipriet, Kan. Louis Suban, stess. |

7. **<u>Il-Ħadd 30/08 - JUM IL-FESTA</u>**

| | |
|---|---|
| Fis-6:30am | Quddiesa ċċelebrata minn Dun Karm Camilleri. |
| Fit-7:45am | Quddiesa ċċelebrata minn Dun John Muscat. |
| Fid-9:00am | Quddiesa Solenni kkonċelebrata ta' Jum il-Festa mmexxija minn<br>Mons. Vinċenz Deguara, Kanonku tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Malta.<br>Jinseġ il-Paniġierku l-Kan. Joe Cilia, Kappillan ta' Ħal Lija,<br>u ex-Kappillan f'din il-Parroċċa (2006-2011). |
| Fis-6:00pm | Quddiesa ċċelebrata mill-Kappillan Dun David Farrugia,<br>qabel il-purċissjoni. |
| Fis-7:15pm | Tibda l-Purċissjoni bl-istatwa titulari tal-Appostlu Missierna San Pawl.<br>Imexxi l-Kan. Louis Suban, Kanonku Arċipriet tal-Kolleġġjata<br>ta' San Pawl, Rabat. |
| Fl-10:30pm | Ninġabru fuq iz-zuntier, tinħaraq il-kaxxa infernali,<br>u nilqgħu l-istatwa ta' San Pawl lura fil-knisja.<br>Fid-dħul tagħha, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.<br>Iċ-Ċelebrazzjonijiet jintemmu bl-Innu ta' San Pawl u bil-bews tar-Relikwa. |